MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 380/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**David Cauchi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€232.75), disgha u disghin liri Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm99.92), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mil-istess konvenut lil Mobisle Comnmunications Limited skond Client Contract Number 1007121 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Mejju, 2006 u Lulju, 2006.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-29 ta’ Frar, 2008, dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€232.75), disgha u disghin liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm99.92) bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------